MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 2486/1997/1

**Joseph Aquilina, Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Religjuzi Djocezani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Knisja tad-Duluri tal-Hamrun, u b' nota tat-18 ta' April 2002 assuma l-atti Vincent E. Ciliberti u b'nota pprezentata fid-19 ta' Gunju, 2007 Dottor Michelle Tabone Assumiet l-atti tal-kawza bhala Ekonomu ta'Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entijiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Knisja tad-Duluri tal-Hamrun, minflok Vincent E. Ciliberti**

**v.**

**Louis Muscat**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 1997, l-attur ippremetta u talab hekk:

"Peress li l-konvenut bil-bini li qed itella’ f’Farsons Street Hamrun, invada l-art ta’ madwar il-Knisja tad-Duluri li hi proprjeta` ekklesjastika kif spjegat fl-anness rapport tal-Perit Anthony Sammut korredat bil-pjanti relattivi;

"U peress li kull tentattiv li sar biex l-affarijiet jigu rrangati bonarjament ma sehhux.

"Jghid il-konvenut ghaliex:-

"1. M’ghandux jigi dikjarat li fl-izvilupp ta’ l-art tieghu f’Farsons Street Hamrun kontigwa ghal Knisja tad-Duluri hu nvada art ekklesjastika kif dettaljatament jinghad fir-rapport tal-Perit Sammut u b’hekk ikkommetta spoll ghad-dannu ta’ l-attur nomine;

"2. M’ghandux konsegwentement jigi kkundannat jiddemolixxi dak kollu li bena fuq art tal-Knisja u jirripristina kollox ghal status quo ante u dan fiz-zmien li tipprefiggilu l-Qorti taht id-direzzjoni ta’ Perit nominand u

"3. M’ghandux, in difett, l-attur jigi hu stess awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet ta’ demolizzjoni u ristrutturazzjoni taht id-direzzjoni ta’ l-istess Perit nominand.

"Bl-ispejjez. Ghandek tidher ghas-subizzjoni tieghek."

B’nota ipprezentata fl-4 ta’ Gunju 1988, il-konvenut eccepixxa:

"Illi fl-ewwel lok u in liena preliminari il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi l-Knisja tad-Duluri tal-Hamrun ma ghandhiex personalita guridika sufficjenti biex toqghod in gudizzju;

"Fit-tieni lok illi l-azzjoni hija perenta bid-dekadenza tax-xahrejn;

"Illi fit-tielet lok il-konvenut ma invada l-ebda proprjeta` ta' l-atturi meta ghamel ix-xoghol in kwistjoni;

"Illi fir-raba' lok il-konvenut kien in buona fede meta esegwixxa x-xogholijiet u bl-ebda mod ma gie imwaqqaf jew imfixkel fl-esekuzzjoni ta' dawn ix-xogholijiet jew b'mod iehor avzat mill-atturi li huwa kien qed jibni fuq proprjeta` taghhom;

"Illi l-proprjeta` in kwistjoni tispetta lill-konvenut u hu ghamel xoghol biss f'dak li huwa proprjeta` tieghu.

"Illi l-azzjoni tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

**Is-sentenza appellata:**
Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tad-29 ta'Ottubru, 2004 li pemezz taghha pprovdiet billi laqghat l-ewwel talba, stante l-invazjoni u l-ispoll, fl-estensjoni indikata mill-Perit Tekniku ta' 4.515 qasba kwadra liema art invasa ghandha valur ta' LM2,000 kif fuq indikat; u billi r-relazzjoni bejn il-partijiet issa tinsab regolata bil-ftehim raggjunt u inkorporat fl-imsemmija Nota [Fol. 37], tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici. Finalment kkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Ikkunsidrat;**

“Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed isostni li kien hemm invasjoni fil-proprjeta` ekklesjastika da parti tal-konvenut meta dana bena fuq l-art ta’ madwar il-Knsija tad-Duluri sitwata f’ Farsons Street Hamrun.

“Illi permezz ta’ nota kongunta prezentata fil-12 ta’ Lulju 2001, il-kontendenti waslu ghas-segwenti ftehim f’ dawn it-termini: Huma “jaqblu li:-

"[1] spoll kien hemm, u l-estensjoni tieghu ghandha tigi stabbilita mill-Perit Tekniku Frederick Doublet li ghandu wkoll jaghti valur ta’ l-art ta’ l-attur nomine li gie mehuda mill-konvenut bil-bini tieghu.

"[2] il-konvenut minn issa jobbliga ruhu li jhallas lill-attur l-ammont hekk stabbilit mill-Perit.

"[3] il-partijiet jtolbu li dan il-ftehim jigi nkorporat f’ sentenza.

“Illi fir-relazzjoni tieghu, il-Perit Tekniku kkonkluda: “[i] li l-konvenut invada l-art tal-atturi fl-ammont ta’ circa erba’ punt hamsa wiehed hamsa qasab kwadri [4.515 q.k] u dan skond Drg.No.3486-3 annessa; u [ii] il-valur tal-art invaza hija ta’ elfejn lira maltin [Lm2,000] [Fol.78].

“Illi kif miftiehem bejn il-partijiet dawn ghandhom jirregolaw ruhhom fit-termini tal-imsemmija nota kongunta."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b’hekk b’rikors intavolat fit-18 ta’ Novembru 2004, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar l-imsemmija sentenza appellata tad-29 t’Ottubru 2004, fl-ismijiet premessi billi, prevja li jigu milqugha l-eccezzjonijiet tieghu, joghgobha tichad it-talbiet ta' l-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat.

L-attur appellat ipprezenta risposta fid-29 ta' Novembru 2004.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Il-konvenut appellant ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn huma fis-sens illi:-
a) Kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti qatt ma kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet.

b) L-ewwel Qorti qatt ma kellha toqghod fuq r-rapport tekniku minghajr ma tiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju ftit hemm xi tghid. Infatti jirrizulta car, anke mir-risposta ta' l-istess appellat, li qatt ma kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet. Infatti dan ighid espressament hekk fil-parti inizjali ta' l-istess risposta:
"*1. Illi effettivament l-esponent jikkonferma li mill-atti jidher li l-ftehim li ghalih alludiet l-Ewwel Qorti [fol. 37] m'huwiex iffirmat. Fil-fatt a fol. 65 tal-process jinghad espressament li wara l-access li kien sar fis-26 ta' Gunju 2001:-*

***"“Illi sussigwentement is-sur Vincent Ciliberti informa lill-esponent li t-transazzjoni ma sehhitx u talbu jipprocedi bir-relazzjoni tieghu.”***

Jidher li l-ewwel Qorti, meta rat in-nota suppost konguntiva, hadet il-firma ta' l-attwarju bhala li kienet il-firma ta' l-avukat li kien qed jidher ghall-konvenut, meta ovvjament ma kienx hemm tali firma. Minn dan isegwi li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti hija bazata fuq premessa zbaljata billi din kienet marbuta intrinsikament ma assunzjoni zbaljata li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim u li, skond l-istess ftehim kien hemm ammissjoni dwar l-ispoll lamentat mill-attur, li kellu jigi stabbilit l-valur ta' l-art mehuda mill-konvenut, u liema valur kellu jithallas mill-istess konvenut lill-attur.

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li l-konvenut qatt ma ammetta l-ispoll u fit-tieni lok il-hlas ta’ kumpens ghall-art mehuda jezorbita mit-talbiet ta' l-*actio possessoria* kif korrettament elenkati fic-citazzjoni li fit-tieni u t-tielet talbiet titkellem dwar ripristinar u mhux kumpens.

Illi fid-dawl ta’ dan jsegwi li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti, evidentement ghax giet zvijata bid-dokument a fol. 37 - is-suppost nota konguntiva tal-kontendenti - ma ezaminatx l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut appellat, liema eccezzjonijiet necessarjament jinnecessitaw dibattitu billi jolqtu l-validita` ta' l-azzjoni intavolata mill-attur. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda alternattiva hlief li tiddikjara s-sentenza nulla u tirrimetti l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti biex dik il-Qorti tikkonsidra t-talbiet attrici fd-dawl tal-provi prodotti u ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi milquh u s-sentenza appellata dikjarata nulla, b’dan li l-atti tal-kawza qed jigu rimessi lill-Qorti ta’ Prim Istanza ghall-konsiderazzjonijiet taghha skond il-ligi. Fic-cirkostanzi tordna li l-ispejjez kollha, kemm dawk tal-ewwel istanza kif ukoll dawk ta’ dan l-appell, jigu sopportati nofs kull wiehed bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------